**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 219/03**

**Illum: 25 ta' April 2018**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Nicholas Ciappara)**

**vs**

**Noel Farrugia**
**(ID 205180(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Noel Farrugia ta' 24 sena, iben Carmelo u Josephine nee` Mifsud, imwieled San Giljan nhar is-26 ta' Jannar 1979 u joqghod 363, St. Joseph High Road, St. Venera, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 205180(M):

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fl-4 ta' Marzu 2000 u matul is-sitt gimghat ta' qabel din id-data:

1) Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-raba' u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx

bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) Ukoll talli fl-istess zmien u cirkostanzi forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna jew persuni minghajr ma kellu licenza mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenza jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenza li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanzi dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3) Ukoll talli sar recidiv skont l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), datata 26.02.1998 Awla 15 u mill-Qorti tal-Appell datata 12.02.1999;

4) Ukoll talli kiser il-kundizzjonijiet tal-Artikoli 5 u 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati 15.04.1998, Awla 2 u 15.04.1998, Awla 7;

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli taghti l-piena stabbilita mil-ligi, tordna lill-imsemmija persuna thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, kif provdut fl-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini

Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Semghet lill-partijiet jirrimettu ruhhom ghall-provi prodotti.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Nhar it-3 ta' Marzu 2000 ghall-habta tas-6.30 p.m., PC 1348 Joseph Campbell ircieva telefonata fuq ic-cellurari tieghu. Il-persuna li cemplet staqsiet ghal certu 'Cigar', PC 1348 staqsih x'ried u l-iehor wiegeb bil-kliem "*gibli tnejn*". Stante li PC 1348 gih suspett illi din it-telefonata kienet relatata ma' droga, huwa ftiehem mal-istess persuna sabiex jiltaqghu hdejn il-Knisja ta' San Gwann u dan infurmah li kien liebes *t-shirt* abjad. Ghalhekk wara struzzjonijiet minn, dak iz-zmien, l-Ispettur Ciappara, huma marru fl-imsemmi post u raw persuna suspettuza li rrizulta li kienet il-persuna mlaqqma is-'Cigar'. Waqt tfittxija li saret fir-residenza tieghu, instabet borza b'xi trab fiha.[1]

Is-Supretendent Norbert Ciappara jixhed illi rrizulta illi din il-persuna mlaqqma s-'Cigar', kienet certu Alan Cutajar. Huwa investiga lill-istess Cutajar li rrilaxxja stqarrija lill-pulizija u ammetta li kellu l-vizzju tad-droga, kif ukoll li kien ibiegh id-droga. Waqt din l-investigazzjoni, l-istess Cutajar indika wkoll lill-persuna li minghandha kien jixtri d-droga, billi pprovda l-laqam u d-deskrizzjoni tieghu, indika l-vetturi li kien juza, kif ukoll in-numru tac-cellulari tieghu u sussegwentement, skont l-istess xhud, Cutajar ikkonferma din l-istqarrija bil-gurament quddiem il-Magistrat Dr. Carol Peralta. Ix-xhud jghid ukoll illi Cutajar kien gie muri xi ritratti u identifika lill-imputat bhala l-persuna li kienet tfornih bid-droga. Ikompli jixhed is-Supretendent Ciappara illi l-istess Cutajar tressaq il-Qorti u gie sentenzjat. Fil-frattemp, huwa kompla bl-investigazzjonijiet tieghu u rrizultalu illi l-persuna li kien semma Cutajar kien certu Noel Farrugia ossia l-imputat odjern. Nhar il-15 ta' Lulju 2000, huwa baghat ghal Farrugia li rrilaxxja stqarrija lill-Pulizija.[2] Tfittxija li saret fir-residenza tieghu rrizultat fin-negattiv.[3]

Irid jinghad minn issa stess illi ormai huwa principju stabbilit mill-Qrati taghna illi l-istqarrija tal-imputat ma tistax taghmel prova kontra tieghu u dan stante illi din ittiehdet fis-sena 2000, meta ghalhekk l-istess imputat ma kellux id-dritt li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tieghu.

---

[1] Ara f'dan is-sens ix-xhieda ta' PC 1348 Joseph Campbell, a fol. 23 u 24 tal-process.
[2] Din tinsab esebita a fol. 19 u 20 tal-process.
[3] Ara x-xhieda tas-Supretendent Ciappara, a fol. 12 sa 18 tal-process.

Fil-mori ta' dawn il-proceduri giet esebita vera kopja tal-atti tal-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Alan Cutajar', mil-liema atti jirrizulta illi f'dawk il-proceduri, Cutajar xehed u kkonferma l-istqarrija tieghu bil-gurament.[4]

Jirrizulta wkoll mill-verbal tas-seduta tad-9 ta' Mejju 2006, illi l-Prosekuzzjoni ddikjarat li kellha bzonn tesebixxi kopja ta' process verbal – li x'aktarx kienet tikkontjeni l-istqarrija guramentata ta' Alan Cutajar quddiem il-Magistrat Inkwirenti - li ma setax jigi ritraccjat.[5] Fil-fatt dan il-process verbal baqa' ma giex esebit. Finalment, Alan Cutajar baqa' ma xehedx f'dawn il-proceduri, sakemm fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2016, il-Prosekuzzjoni iddikjarat li kienet qeghda taghlaq il-provi taghha u wara dan, f'seduta sussegwenti tal-24 ta' Jannar 2017, iddikjarat illi l-istess xhud Cutajar miet fil-mori tal-proceduri.

Fil-mori ta' dawn il-proceduri xehed ukoll l-Ispizjar Mario Mifsud, li kkonferma r-relazzjoni tieghu esebita fl-atti tal-proceduri li ttiehdu fil-konfront ta' Alan Cutajar,[6] mil-liema jirrizulta illi fit-trab kannella misjub fil-pussess tal-istess Cutajar instabet is-sustanza eroina.[7] Rega' xehed ukoll is-Supretendent Nicholas Ciappara li esebixxa tliet sentenza fil-konfront tal-imputat odjern.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Permezz tal-<u>ewwel imputazzjoni</u>, l-imputat qed jigi akkuzat bil-pussess semplici tad-droga eroina.

Din l-imputazzjoni tirreferi ghall-4 ta' Marzu 2000 u s-sitt gimghat ta' qabel din id-data. Jirrizulta mill-atti illi l-ewwel seduta f'dan il-kaz giet mizmuma fis-16 ta' Ottubru 2003, izda l-imputat ma deherx u ma kienx notifikat. Fit-tieni seduta mizmuma fid-9 ta' Dicembru 2003, l-imputat rega' ma deherx u l-Qorti giet infurmata illi l-imputat kien jinsab detenut gewwa t-Turkija. Il-kawza giet differita *sine die*. Sussegwentement, giet mizmuma seduta fit-12 ta' April 2005 u l-imputat rega' ma deherx. Ghal darb'ohra, il-Qorti giet infurmata illi l-imputat kien jinsab it-Turkija. L-imputat imbaghad deher ghall-ewwel darba fis-seduta tat-28 ta' Gunju 2005.

Jirrizulta ai termini tal-Artikolu 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, illi r-reat ta' pussess (semplici) tad-droga huwa punibbli b'piena ta' prigunerija ghal

---

[4] Vera kopja ta' dawn l-atti tinsab esebita a fol. 29 tal-process.
[5] A fol. 35 tal-process.
[6] Ara a fol. 25, 30 u 31 tal-process.
[7] Ara r-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud esebita a fol. 47 *et seq* tal-atti tal-kawza kontra Alan Cutajar.

zmien minn tliet xhur sa tnax-il xahar jew b'piena ta' multa jew bil-prigunerija u l-multa flimkien. Dan ifisser ai termini tal-Artikolu 688(d) tal-Kodici Kriminali illi l-azzjoni kriminali, f'dan il-kaz, taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames snin.

Il-Qorti tinnota illi sat-12 ta' April 2005 ossia meta l-Qorti giet infurmata illi l-imputat kien jinsab it-Turkija, diga` kienu ghaddew hames snin miz-zmien tal-allegat reat. Fi kwalunkwe kaz, fil-kaz deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Ottubru 2013, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Bartolomew Bonnici**, fejn l-appellant kien eccepixxa b'success il-preskrizzjoni, fin-nuqqas ta' riferti fl-atti li setghu jindikaw id-data meta l-appellant gie notifikat biex jidher quddiem l-ewwel Qorti, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ewwel data li fiha kien deher l-appellant in konnessjoni ma' dak il-kaz. Fir-rigward tal-ewwel dehra tieghu, il-Qorti qieset illi "*quindi l-unika data illi l-Qorti tista torbot ghal fini ta' notifika hija din is-seduta tal-25 ta' Ottubru, 2011 fejn bil-prezenza tieghu l-appellant kien qieghed jikkonferma t-tali notifika u jissottometti ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti. F'din id-data t-terminu ta' tliet xhur lahaq skada u quindi l-azzjoni kienet tinsab preskritta u l-Qorti ma setghetx tkompli bil-kawza.*"

F'dan il-kaz, bhal kaz citat, fin-nuqqas ta' riferti li juru meta kien gie notifikat ghall-ewwel darba l-imputat odjern, l-unika data li l-Qorti tista' torbot maghha, ghal fini ta' notifika, hija l-ewwel seduta li fiha deher l-istess imputat, ossia dik tat-28 ta' Gunju 2005, fejn allura bhal fil-kaz citat, l-imputat kien qieghed jikkonferma n-notifika tieghu u jissottometti ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti. Sa dakinhar kien lahaq ghadda l-perjodu tal-preskrizzjoni u allura l-azzjoni fir-rigward ta' din l-imputazzjoni hija preskritta.

Permezz tat-tieni imputazzjoni, imbaghad, l-imputat qed jigi akkuzat bir-reat ta' traffikar tad-droga eroina. Jirrizulta car mill-atti illi l-Prosekuzzjoni akkuzat lill-imputat b'din l-imputazzjoni fid-dawl tal-istqarrija rilaxxjata minn Alan Cutajar li, sussegwentement xehed quddiem il-Qorti fil-mori tal-proceduri li ttiehdu fil-konfront tieghu. Apparti din ix-xhieda, fil-fatt fl-atti m'hemm l-ebda prova ohra li tista' tissostanzja din l-imputazzjoni. Kif inghad, madankollu, Alan Cutajar baqa' ma xehedx f'dawn il-proceduri, sakemm fit-18 ta' Mejju 2016, il-Prosekuzzjoni ddikjarat illi kienet qeghda taghlaq il-provi taghha u sussegwentement fl-24 ta' Jannar 2017, iddikjarat ukoll illi x-xhud miet fil-mori tal-proceduri.

L-Artikolu 30A tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

"*Minkejja d-disposizzjonijiet tal-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali, meta persuna tkun involuta f'xi reat kontra din l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni magħmula minn*

*dik il-persuna u li tiġi kkonfermata bil-ġurament quddiem maġistrat u kull xiehda li dik il-persuna tagħti quddiem qorti tista' tinġieb bi prova kontra kull persuna oħra akkużata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm-il darba jinsab li dik id-dikjarazzjoni jew xiehda tkun saret jew ingħatat volontarjament, u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi*" [sottolinear ta' din il-Qorti].

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Pierre Gravina** moghtija nhar is-26 ta' Mejju 2003, fejn inghad hekk:

"*Issa, huwa principju generali li "... ix-xhieda ghandhom dejjem jigu ezaminati fil-Qorti u viva voce" (Artikolu 646(1), Kap. 9). Ghal din ir-regola, pero`, hemm certi eccezzjonijiet li jipprovdi ghalihom l-istess Artikolu 646 fis-subartikoli li jigu wara s-subartikolu (1). Hemm ukoll l-eccezzjoni tad-deposizzjoni mehuda in segwitu ghall-hrug ta' ittri rogatorjali bil-procedura traccjata fl-Artikolu 399 tal-Kodici Kriminali, procedura li giet ritenuta applikabbli anke ghal kawzi sommarji (ara Il-**Pulizija v. Angelo Grima** App. Krim. 18 ta' Ottubru, 1952), u li fil-prattika giet ukoll applikata mill-Qorti Kriminali f'xi kazijiet wara l-hrug tal-att ta' akkuza. U hemm l-eccezzjoni ta' meta xhud jinstema' f'daru minhabba mard jew xjuhija (Art. 647, Kap. 9). Jigi osservat li anke fil-kaz ta' xhieda permezz ta' rogatorji u ta' xhieda li jinstemghu f'darhom, l-imputat jew akkuzat ghandu dejjem il-jedd li jkun presenti waqt is-smigh tax-xhud jew li jahtar rappresentant tieghu ghal waqt tali smigh – Art. 647(3) u 399(2). L-ewwel sentenza tal-Artikolu 30A tal-Kap. 101 taghmilha cara li dak l-Artikolu qed jipprovdi ukoll eccezzjoni, pero` mhux eccezzjoni ghar-regola kontenuta fl-Artikolu 646(1) tal-Kodici Kriminali izda ghar-regola kontenuta fl-Artikolu 661[8] ta' l-istess Kodici. Minn dan isegwi, li anke meta l-prosekuzzjoni tkun trid taghmel uzu minn dikjarazzjoni guramentata mehuda skond l-imsemmi Artikolu 30A, ir-regola ghandha tkun li min ikun ghamel dik l-istqarrija ghandu jingieb fil-qorti biex l-imputat jew akkuzat ikun jista' jikkontroezaminah dwarha. ... bhala regola, min ikun ghamel tali stqarrija guramentata ghandu jingieb il-qorti ghall-fini ta' kontroll da parti tal-akkuzat jew imputat. F'dan is-sens ukoll esprimiet ruhha l-Qorti Ewropea fil-kawza **Kostovski v. Netherlands** (20 ta' Novembru, 1989) meta qalet li d-dritt ta' akkuzat li jikkonfronta xhud migjub kontra tieghu*

[8] L-Artikolu 661 tal-Kap. 9 jghid hekk: "Konfessjoni ma taghmilx prova hlief kontra min jaghmilha, u mhix ta' pregudizzju ghal ebda persuna ohra."

***does not mean, however, that in order to be used as evidence statements of witnesses should always be made at a public hearing in court: to use as evidence such statements obtained at the pre-trial stage is not in itself inconsistent with paragraphs (3)(d) and (1) of Article 6, provided the rights of the defence have been respected. As a rule, these rights require that an accused should be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him, either at the time the witness was making his statement or at some later stage in the proceedings.***[9]"

*Fil-kaz in dizamina Mentosa la gie prodott mill-prosekuzzjoni fil-qorti peress li kien telaq minn Malta definittivament, u anqas ittiehdet id-deposizzjoni tieghu permezz tal-procedura tar-rogatorji. L-ewwel qorti, ghalhekk, kellha tiskarta l-istqarrija guramentata tieghu u mhux, kif effettivament ghamlet, tistrieh in parti fuqha. Sfortunatament il-ligi ma tipprovdix ghal dak li jista' jsir f'kaz bhal dak in ezami meta l-persuna li tkun ghamlet l-istqarrija guramentata skond l-Artikolu 30A tmut, jew ma tkunx tista' tinstab, jew ma jkunx ragonevolment prattikabbli li tinstema' permezz ta' rogatorji.*" [sottolinear ta' dik il-Qorti]

F'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet ukoll illi:

"*Ghal kull buon fini l-Qorti tosserva li l-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea ma teskludix l-ammissibilita` ta' stqarrijiet maghmula minn persuni li in segwitu qatt ma jingiebu bhala xhieda fil-process. Dak li dik il-Qorti tara biex tiddetermina jekk kienx hemm jew le smiegh xieraq hu jekk dawk l-istqarrijiet <u>kienux l-unika prova kontra l-akkuzat, jew kinux altrimenti prova determinanti biex huwa jinstab hati</u>. Ara f'dan is-sens Ben Emmerson u Andrew Ashworth **Human Rights and Criminal Justice** Sweet & Maxwell (London) 2001: "What appears from these and other decisions is a complex mixture of at least three major factors. First, the Court's chief concern is the fairness of the trial as a whole: the defendant's right to "confront" or cross-examine every prosecution witness is important, but not absolute. Or, to express the point differently, reliance on pre-trial witness statements is not contrary to the Convention, so long as the rights of the defence are respected. Secondly, the Court's judgment on overall fairness is much affected by the significance of the written or reported statements for the prosecution case: it is fairly clear that a trial would be unfair if the conviction rested "solely or mainly" on the disputed statement, but in some decisions the test is expressed in terms more favourable to the defence. Thus in Ludi v. Switzerland the Court thought it sufficient to render the trial unfair that the written evidence had "played*

[9] (1990) 12 E.H.R.R.434, para. 41.

*a part" in the conviction. However this may be explained by the third factor: that the Court has regard to the practical possibility of according greater recognition to defence rights than was done at the trial. In other words, there are some cases where the impracticability of producing the witness at the trial might lead the Court to adopt a more flexible approach to Article 6(3)(d) (as, for example, in Artner v. Austria, where the witness had gone missing and was untraceable; or in Asch v. Austria, where the witness exercised her right not to testify). But the national court should always look for alternative safeguards. As the Court put it in Van Mechelen v. Netherlands, "any measures restricting the rights of the defence should be strictly necessary. If a less restrictive measure can suffice then that measure should be applied"." (para. 15-114, 15-115, pagna 465).*" [sottolinear ta' din il-Qorti]

Fis-sentenza tal-Qorti Kriminali tas-6 ta' Lulju 2016, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Charles Paul Muscat**, wara li dik il-Qorti ghamlet referenza ghall-Artikolu 30A tal-Kap. 101, kif ukoll ghall-Artikolu 661 tal-Kap. 9, li ghalih l-imsemmi Artikolu 30A jaghmel eccezzjoni, inghad hekk:

"*Issa allura dan ifisser illi ai termini tal-artikolu 30A tal-Kapitolu 101 Marlon Apap u Brian Godfrey Bartolo ghandhom jitqiesu illi huma 'a competent witness' fil-konfront tal-akkuzat ghalkemm fiz-zmien meta huma offrew id-depozizzjoni taghhom kienu ghadhom jitqiesu bhala ko-akkuzati billi l-proceduri kriminali fil-konfront taghhom dwar l-istess fatti addebitati lill-akkuzat odjern kienu ghadhom ma gewx konkluzi. Li hu cert huwa illi sakemm il-kaz taghhom jigi deciz dawn iz-zewg xhieda ma humiex 'a compellable witness' u cioe' ma jistghux jigu imgieghla jaghtu id-depozizzjoni taghhom billi ghandhom id-dritt sancit mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem illi ma jwiegbu ghall-ebda mistoqsija li tista' b'xi mod tinkriminahom. Fil-fatt meta huma offrew id-depozizzjoni taghhom matul il-kumpilazzjoni ghazlu li juzufruwixxu minn dan il-jedd u ma xehdux. Issa id-difiza targumenta illi gialadarba l-akkuzat ma nghatax il-jedd li jikkontrolla dak mistqarr minn dawn it-tnejn min-nies fl-istqarrija guramentata taghhom li tinsab esebita in atti, din il-prova f'dan l-istadju hija inammissibbli u ghandha tigi skartata u dan fid-dawl ta' dak deciz superjorment fid-decizjoni ta' 'Gravina' supra citata. Dan ghaliex l-artikolu 30A ma huwiex eccezzjoni ghal dak dispost fl-artikolu 646 tal-Kodici Kriminali fejn hemm espressament stipulat illi "**ix-xhieda għandhom dejjem jiġu eżaminati fil-Qorti u viva voce.**"*

*Illi l-akkuzat kien ikollu ragun fl-argumenti minnu imressqa li kieku dawn iz-zewg xhieda ghazlu li ma jixhdux matul is-smigh tal-guri. Illi allura il-Qorti u cioe' l-*

*Imhallef togat ikun irid necessarjament jaghti direzzjoni lill-imhallfin tal-fatti u cioe` lill-gurati meta jigu biex jiznu din il-prova mressqa mill-Prosekuzzjoni. Izda dan jista' isir biss fl-istadju meta allura ikun qed jinstema' il-process penali fil-konfront tal-akkuzat. Illi ghalhekk ghalkemm gustament l-akkuzat talab id-direzzjoni tal-Qorti f'din l-ewwel eccezzjoni sollevata minnu ghar-rigward tal-validita' probatorja tal-istqarrijiet guramentati li jinsabu fl-atti bhala prova li giet kumpilata fl-istadju li jipprecedi l-guri mill-Qorti Istruttorja, madanakollu huwa prematur ghall-Qorti li tiddikjara tali prova bhala wahda inammissibbli meta z-zewg xhieda Marlon Apap u Brian Godfrey Bartolo it-tnejn indikati bhala xhieda tal-Prosekuzzjoni ghad iridu joffru id-depozizzjoni taghhom fil-guri. Izda jekk f'dak l-istadju huma jiddikjaraw li ser jaghzlu li ma jixhdux biex ma jinkrimnawx irwiehom fil-process penali li jkun ghadu pendenti fil-konfront taghhom, imbaghad f'dak l-istadju il-gurati ghandhom jigu ggwidati meta jigu biex jiznu il-valur probatorju tal-istqarrijiet guramentati u dan ghaliex "***The right to a fair administration of justice holds so prominent a place in a democratic society that it cannot be sacrificed to expediency***."*

*Dan ghaliex kif gie deciz fil-kaz Luca v Italy [(2003) 36 EHRR 46], inghad mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem:-*

*"**As the court has stated on a number of occasions . . . it may prove necessary in certain circumstances to refer to depositions made during the investigative stage (in particular where the witness refuses to repeat his deposition in public owing to fears for his safety, a not infrequent occurrence in trials concerning Mafia-type organisations). If the defendant has been given an adequate and proper opportunity to challenge the depositions, either when made or at a later stage, their admission in evidence will not in itself contravene Article 6.1 and 3(d). The corollary of that, however, is that where the conviction is both solely or to a decisive degree based on depositions that had been made by a person whom the accused has had no opportunity to examine or to have examined, whether during the investigation or at the trial, the rights of the defence are restricted to an extent that is incompatible with the guarantees provided by Article 6.**"*

*Dan ifisser allura illi hemm erba' kriterji li jridu jigu ikkunsidrati:*

*1. Illi x-xhieda bhala regola trid tinghata viva voce fil-Qorti fejn l-akkuzat ikollu kull opportunita' li jikkontrolla dak li jghid ix-xhud.*

*2. Il-fatt illi x-xhieda ma jixhdux madanakollu ma ghandux iwassal ghall-inammissibilita` tal-istqarrija minnhom rilaxxata fl-istadju tal-investigazzjonijiet*

*jew fil-pre-trial stage u dan ghaliex irid jittiehed in konsiderazzjoni l-fatturi kollha tal-kaz, bhal perezempju fil-kaz meta xhud ma jistax jingieb jixhed ghax ikun miet.*

*3. L-affidabbilita ta' dik l-istqarrija u tax-xhud li jkun irrilaxxjaha.*

*4. Finalment jekk dik ix-xhieda guramentata wahedha hijiex l-unika prova inkriminati u deciziva fil-konfront tal-persuna akkuzata.*"

Fis-sentenza taghha tat-13 ta' Ottubru 2016 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Charles Paul Muscat**, imbaghad, il-Qorti tal-Appell Kriminali ghaddiet biex tikkonferma s-sentenza fuq citata u ziedet tghid hekk:

"*8. ... Tajjeb, pero`, li jiġi senjalat illi jekk, għal xi raġuni jew oħra l-imsemmijin żewġ xhieda ma jixhdux waqt il-ġuri, u allura jiġri li l-akkużat ma jkollux u ma kellu qatt l-opportunita` li jikkontroeżamina dawn ix-xhieda dwar id-dikjarazzjonijiet ġuramentati li kienu għamlu, l-istess dikjarazzjonijiet ma jkunux jistgħu jittieħdu bħala prova tal-kontenut tagħhom.*

*9. Apparti hekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, minn qari akkurat tal-konsiderazzjonijiet li għamlet l-ewwel Qorti, ma hemm l-ebda ħtieġa li ssir kjarifika partikolari ulterjuri dwar dak li qalet ħlief li tissofferma fuq is-segwenti punti:*

- *l-artikolu 30A tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta huwa eċċezzjoni għall-artikolu 661 biss.*
- *ix-xhieda għandhom jinstemgħu viva voce (salv f'dawk iċ-ċirkostanzi li jissemmew fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 646 tal-Kodiċi Kriminali).*
- *Fejn l-unika xiehda hija tal-kompliċi, hu applikabbli l-artikolu 639(3) tal-Kodiċi Kriminali.*[10]
- *jekk ma jkunux ġew terminati definittivament il-proċeduri kontra x-xhieda, hu applikabbli a contrario sensu l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali.*"

Fil-kaz odjern, kif inghad, il-Prosekuzzjoni baqghet ma pproducietx lil Alan Cutajar sabiex jixhed *viva voce* f'dawn il-proceduri, sakemm imbaghad f'Jannar 2017, iddikjarat illi l-istess xhud miet fil-mori tal-proceduri, bir-rizultat ghalhekk illi d-difiza ma kellha qatt l-opportunita` li tikkontrolla dak li qal l-istess Cutajar. Dan il-kaz jirreferi ghal reat li allegatament sehh fis-sena 2000, ic-*charge sheet* giet intavolata fir-Registru ta' din il-Qorti f'Awwissu 2003, il-kawza bdiet

[10] Hawnhekk il-Qorti ccitat is-segwenti: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Antonio Barbara**, 17 ta' Jannar 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Brian Vella**, 28 ta' Lulju 2011.

tinstema' f'Ottubru 2003 u marret *sine die* f'Dicembru 2003. L-imputat deher l-ewwel darba quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta f'Gunju 2005 u minn dakinhar bdew jinstemghu l-provi. Fil-frattemp, fi Frar 2005, il-kawza fil-konfront tax-xhud Alan Cutajar giet deciza definittivament mill-Qorti tal-Appell Kriminali u ghalhekk l-istess Cutajar seta' jixhed liberament fil-proceduri odjerni. Fis-seduta ta' Settembru 2005, giet esebita wkoll vera kopja tal-atti tal-kawza fil-konfront ta' Cutajar, inkluz ghalhekk ix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta. Minn hemmhekk:

- fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2006 gie verbalizzat illi x-xhud tal-Prosekuzzjoni Alan Cutajar ma deherx u illi ma gietx prodotta riferta;

- fl-24 ta' Novembru 2006 gie vverbalizzat illi l-imputat kien jinsab imsiefer ghalkemm ma jidhirx li kien notifikat, tant illi l-kawza baqghet ghan-notifika;

- fit-23 ta' Marzu 2007 l-imputat ukoll kien imsiefer u ma gietx ipprezentata riferta tieghu;

- fl-10 ta' Lulju 2007 deher l-imputat u gie vverbalizzat illi x-xhud Cutajar imsejjah tliet darbiet baqa' ma deherx u l-Qorti ordnat il-hrug ta' mandat ta' akkumpanjament fil-konfront tieghu. Giet esebita riferta posittiva tax-xhud;

- fis-26 ta' Novembru 2007 ma jinghad xejn dwar l-esitu ta' dan il-mandat, izda sempliciment illi deher l-imputat assistit minn Dr. Edward Gatt u deher l-Ufficjal Prosekutur u illi minhabba li l-imputat ma jiflahx, il-kawza giet differita;

- fl-1 ta' April 2008 u fl-4 ta' Lulju 2008, dehru l-partijiet izda l-kawza giet differita. Jirrizulta wkoll illi x-xhud Cutajar kien gie notifikat sabiex jidher ghas-seduta tal-4 ta' Lulju 2008, izda dwar dan ma jinghad xejn fil-verbal;

- fis-26 ta' Settembru 2008 l-imputat ma deherx izda wara rrizulta li kien qieghed il-*lock up* u ghalhekk il-Qorti irrevokat *contrario imperio* d-digriet taghha li permezz tieghu ordnat il-hrug ta' mandat ta' arrest fil-konfront tieghu;

- fil-15 ta' Dicembru 2008 l-imputat ma deherx, l-Ufficjal Prosekutur informa lill-Qorti illi l-arrest ma setax jigi esegwit u l-Qorti ordnat illi l-mandat jibqa' in vigore;

- fis-6 ta' April 2009 l-imputat ma deherx u l-mandat baqa' in vigore;

- fil-15 ta' Lulju 2009 l-imputat ma deherx u xehed PC 319 li spjega li l-imputat ma nstabx;

- fis-16 ta' Ottubru 2009 ma deher hadd u l-mandat baqa' in vigore;

- fit-12 ta' Jannar 2010 l-imputat ma deherx u gie vverbalizzat illi l-Ufficjal Prosekutur kien maqbud f'guri;

- fl-14 ta' Gunju 2010 u fil-25 ta' Gunju 2010 l-imputat ma deherx, deher l-Ufficjal Prosekutur u l-mandat baqa' in vigore;

- fis-16 ta' Frar 2011, l-imputat ma deherx u l-Ufficjal Prosekutur informa lill-Qorti illi l-imputat ma kienx notifikat;

- fid-9 ta' Mejju 2011, deher l-imputat u l-Ufficjal Prosekutur iddikjara illi l-ahhar xhud tal-Prosekuzzjoni, Alan Cutajar, debitatment notifikat ma deherx. Il-Qorti ordnat il-hrug ta' mandat ta' arrest fil-konfront tieghu;

- fl-14 ta' Dicembru 2011, il-Qorti kienet indisposta u l-kawza giet differita;

- fis-16 ta' Dicembru 2011, l-imputat ma deherx minkejja li kien notifikat u inhareg mandat ta' arrest fil-konfront tieghu. Ma jinghad xejn dwar il-mandat ta' arrest fil-konfront tax-xhud Cutajar;

- fl-14 ta' Mejju 2012, l-imputat ma deherx, gie dikjarat illi ma nstabx u l-mandat baqa' in vigore;

- fit-12 ta' Dicembru 2012, l-imputat ma deherx u xehed PC 1486 fis-sens illi meta marru fir-residenza tal-imputat, ma fetah hadd. Il-mandat baqa' in vigore;

- fil-15 ta' Mejju 2013 deher l-imputat, izda l-Ufficjal Prosekutur iddikjara illi ma kienx harrek lix-xhud Cutajar;

- fit-18 ta’ Settembru 2013, l-imputat ma deherx u inhareg mandat ta’ arrest fil-konfront tieghu. Il-Prosekuzzjoni ddikjarat illi kien tharrek Cutajar, li madankollu ma deherx. Ma gietx esebita riferta tax-xhud;

- fl-20 ta’ Novembru 2013, l-imputat ma deherx u l-Ufficjal Prosekutur informa lill-Qorti illi l-mandat ma giex esegwit u li l-imputat ma nstabx;

- fil-31 ta’ Jannar 2014, deher l-imputat u l-Prosekuzzjoni ddikjarat illi kien tharrek ix-xhud Cutajar, izda baqa’ ma deherx. Il-Prosekuzzjoni kienet sprovvista mir-riferta tax-xhud;

- fis-17 ta’ Marzu 2014 deher l-imputat u l-Prosekuzzjoni nfurmat lill-Qorti illi tharrek ix-xhud Cutajar li madankollu ma deherx. Esebiet riferta posittiva fil-konfront tieghu u l-Qorti ordnat il-hrug ta’ mandat ta’ akkumpanjament;

- fil-21 ta’ Mejju 2014, l-imputat ma deherx u nhareg mandat ta’ arrest fil-konfront tieghu. Ma jinghad xejn dwar l-ezitu tal-mandat ta’ akkumpanjament;

- fl-24 ta’ Settembru 2014, l-imputat ma deherx u l-Prosekuzzjoni nfurmat lill-Qorti illi kien jidher li l-imputat biddel l-indirizz, izda dan ma kienx maghruf lill-Prosekuzzjoni. Il-mandat ta’ arrest baqa’ in vigore;

- fit-12 ta’ Jannar 2015 l-imputat ma deherx u l-Prosekuzzjoni iddikjarat illi l-imputat ma nstabx. Il-mandat ta’ arrest baqa’ in vigore;

- fit-18 ta’ Mejju 2015, l-imputat ma deherx u l-Prosekuzzjoni iddikjarat illi ma kellhiex informazzjoni dwar l-esekuzzjoni tal-mandat, li baqa’ in vigore;

- fil-5 ta’ Gunju 2015, l-imputat ma deherx u xehed PS 309 fis-sens illi ghalkemm mar ihabbat fir-residenza tal-imputat, ma fetah hadd. Il-mandat baqa’ in vigore;

- fis-26 ta’ Ottubru 2015, l-imputat ma deherx u l-Kuntistabbli Aidon Gatt xehed illi fl-indirizz li huwa mar fih, l-imputat baqa’ ma nstabx. Il-mandat baqa’ in vigore;

- fit-3 ta' Frar 2016, l-imputat ma deherx u xehed PC 984 Kurt Sounes fis-sens illi l-imputat kien mar l-ghassa wara li cemplulu l-pulizija u pprezenta certifikat rilaxxjat mill-Psikjatra Joseph Spiteri, liema certifikat kien skada. L-imputat ittiehed il-*lock up*, beda jghid illi kien ser iwegga' lilu nniffsu u ttiehed fil-poliklinika tal-Furjana, fejn gie riferut ghall-isptar Monte Karmeli. Fil-frattemp, omm l-imputat hadet lill-pulizija certifikat iehor rilaxxjat mill-istess psikjatra din id-darba bid-data aggornata tat-2 ta' Frar 2016 (ossia d-data meta l-imputat gie arrestat u ttiehed l-isptar). Filghaxija, l-imputat hareg mill-isptar Monte Karmeli;

- fit-18 ta' Mejju 2016 deher l-imputat u l-Prosekuzzjoni ddikjarat li kienet qeghda taghlaq il-provi taghha;

- fil-21 ta' Ottubru 2016, l-imputat ma deherx u inhareg mandat ta' arrest fil-konfront tieghu;

- fl-24 ta' Jannar 2017, deher l-imputat u l-Ufficjal Prosekutur iddikjara, b'referenza ghall-verbal tat-18 ta' Mejju 2016, illi x-xhud Cutajar miet fil-mori tal-proceduri u illi l-Prosekuzzjoni ma kellhiex izjed provi.

Il-Qorti hadet l-izbriga illi ticcita fit-tul mill-verbali tal-kawza odjerna sal-gheluq tal-provi tal-Prosekuzzjoni ghaliex huwa evidenti illi ghalkemm l-imputat ma ghen xejn biex il-kawza tkun tista' timxi 'l quddiem u fil-fatt kien hemm diversi seduti li fihom huwa ma deherx minkejja li kien notifikat sabiex jaghmel dan, biss huwa tassew evidenti wkoll, fl-ewwel lok illi ghal zmien twil il-Prosekuzzjoni lanqas ma ghamlet l-almu taghha sabiex tinnotifika u/jew tirrintraccja lill-imputat u fit-tieni lok, il-Prosekuzzjoni kellha altru milli zmien bizzejjed sabiex taccerta ruhha illi x-xhud Alan Cutajar jidher biex jixhed fil-proceduri. Effettivament ghalkemm inhargu diversi mandati fil-konfront tax-xhud, il-Prosekuzzjoni baqghet ma esegwietx dawn il-mandati jew tal-inqas ma tat l-ebda indikazzjoni li kienet ghamlet dan jew dwar l-ezitu taghhom. Veru wkoll illi kien hemm okkazzjonijiet li fihom Cutajar kien notifikat sabiex jidher u ma deherx, izda perjodu ta' kwazi tnax-il sena kien altru milli zmien sufficjenti sabiex il-Prosekuzzjoni taccerta ruhha illi Cutajar jidher u jixhed f'dawn il-proceduri.

Issa ghalkemm l-Artikolu 646(2) tal-Kap. 9 jipprovdi eccezzjonijiet ghar-regola stabbilita fl-Artikolu 646(1) tal-istess Kapitolu illi x-xhieda ghandhom jinstemghu *viva voce*, fosthom meta x-xhud ikun mejjet, biss f'dan il-kaz, il-Qorti jidhrilha illi ma tistax ma tiehux in kunsiderazzjoni c-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz meta wara l-intransigenza taghha ghal diversi snin, il-Prosekuzzjoni ghaddiet biex

tiddikjara illi x-xhud Cutajar miet fil-mori tal-proceduri, u dan meta zgur illi sa Frar 2014, l-istess xhud kien ghadu haj, tant illi kien gie notifikat sabiex jidher f'din il-kawza.[11] Ix-xhieda ta' Cutajar hija l-unika prova li ressqet il-Prosekuzzjoni fil-konfront tal-imputat odjern sabiex tissostanzja t-tieni imputazzjoni, liema xhieda d-difiza ma kellhiex l-opportunita` li tikkontrollaha. Dan qed jinghad b'mod partikolari ghaliex kif inghad izjed 'il fuq, fid-decizjonijiet taghha, il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tqis jekk ix-xhieda in kwistjoni tkunx l-unika prova jew altrimenti prova determinanti li fuqha tistrieh dikjarazzjoni ta' htija.

Biss f'dan il-kaz, anke li kieku l-Qorti kellha tiehu in kunsiderazzjoni x-xhieda ta' Cutajar fil-proceduri li ttiehdu kontra tieghu, ma tqisx illi tista' tistrieh fuq din ix-xhieda sabiex issib htija fl-imputat. Fl-istqarrija tieghu lill-pulizija[12], rilaxxjata minnu fl-4 ta' Marzu 2000, l-istess Cutajar jammetti illi huwa gieli biegh id-droga sabiex isostni l-vizzju tieghu stante li huwa ma jahdimx u illi huwa gieli ha sa nofs gramma kuljum. Jghid illi huwa kien jixtri gieli erba' grammi u l-izjed hames grammi, li kienu jservuh madwar hamest ijiem u li kien ihallas bejn Lm100 u Lm120 kull darba. Minn dawn huwa kien ibiegh xi zewg pakketti. Mistoqsi jghid minghand min kien jixtri d-droga eroina, Cutajar imbaghad jghid illi huwa kien jixtri minghand wiehed jghidulu 'Il-Giza', mill-Hamrun. Ma jafx x'jismu, izda jaf li ghandu karozza Golf gdid ta' kulur blu, u vann Mitsubishi u li kien icempillu fuq il-*mobile* tieghu bin-numru 09455830, jitolbu erbgha u li dan kien jghidlu sabiex jistennih hdejn it-trakk tas-soltu ossia trakk li kien qieghed wara l-fabbrika tal-*Capri Sun*. Ma kienx jaf in-numri tal-vetturi li bihom kien imur il-Giza, li kien ilu xahar jixtri minghandu u mitlub jiddeskrivih jghid illi dan ghandu madwar 26 sena, twil daqsu, ta' statura normali, samrani u xaghru qasir iswed. L-ahhar darba li xtara minghand il-Giza kien fil-jum ta' qabel l-arrest tieghu, xtara hames grammi u hallas Lm110. Jghid ukoll illi lil Giza kien ilu jaf u li gieli kellmu u li darba minnhom dan qallu li seta' jaqdih u tah in-numru tac-cellulari tieghu. Cutajar ghazel li jiffirma din l-istqarrija.

Sussegwentement, l-istess Cutajar xehed fil-proceduri migjuba kontra tieghu quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta fit-22 ta' Jannar 2004.[13] F'din ix-xhieda, huwa jghid illi xtara minghand Noel il-Giza, kunjomu ma jafux, xtara minghandu tliet darbiet xi erba' jew hames grammi erona u ghalihom hallas Lm105. Dan kien xi erba' jew tliet snin ilu, kemm kien ilu ghaddej bil-kaz tieghu. Huwa gie muri l-istqarrija rilaxxjata minnu fl-4 ta' Marzu 2000 lis-Supretendent

[11] Ara r-riferta a fol. 90 tal-process.
[12] Esebita a fol. 6 u 7 tal-atti tal-kawza fil-konfront ta' Alan Cutajar.
[13] Ara din ix-xhieda a fol. 61 sa 70 tal-atti tal-kawza fil-konfront ta' Cutajar.

Nicholas Ciappara (dak iz-zmien Spettur), ikkonferma l-firma tieghu fuq l-istess u kkonferma wkoll il-kontenut taghha. Jikkonferma li fl-istqarrija huwa qal illi kien jiltaqa' ma' persuna mlaqqma l-Giza, ma ftakarx imma x'karozzi kellu dak iz-zmien, li kien jiltaqa' mieghu hdejn l-Imriehel hdejn fabbrika ossia l-*Capri Sun*, li dan gieli kien ikun b'mutur u gieli kien ikollu Golf, li kien icempillu fuq il-*mobile*, li n-numru kien nesieh u li jahseb li hu dak indikat minnu fl-istqarrija. Xtara minghandu ghal xi xahrejn, ftit qabel huwa rrilaxxja l-istqarrija tieghu, li bejn wiehed u iehor kellu wiehed u ghoxrin sena, kellu l-istatura tieghu (tax-xhud) ossia statura normali, samrani, ma kellux nuccali, qasir, u jghid li xtara xi gimgha qabel (ghalkemm ftit qabel qal ukoll illi ma kellux idea meta kien xtara l-ahhar minghandu), u in oltre kkonferma dak li kien qal fl-istqarrija tieghu ossia illi lil Giza kien ilu jafu u gieli kellmu u li dan kien qallu li seta' jaqdih u tah in-numru tieghu. Irid jinghad ukoll illi xi whud mir-risposti tax-xhud ma gewx traskritti, apparti illi fil-bidu ta' din ix-xhieda, izjed jitkellem l-avukat difensur milli x-xhud, fejn in oltre l-istess avukat difensur isemmi lil Noel Farrugia.

Fl-istess proceduri kontra tieghu, jerga' jixhed l-istess Alan Cutajar fl-4 ta' Mejju 2004, jigi muri ritratt esebit fil-proceduri li ttiehdu kontra tieghu mis-Supretendent Nicholas Ciappara u jghid illi dik hija l-persuna ossia Noel, li kunjomu ma kienx jafu u li huwa kien indika fix-xhieda tieghu. L-indirizz tieghu ma kienx jafu. Jaghraf il-firma tieghu fuq ir-ritratt. Fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, imbaghad, is-Supretendent Ciappara jghid illi waqt il-proceduri fil-konfront ta' Cutajar, l-istess Cutajar kien ra xi ritratti u identifika lill-akkuzat bhala l-persuna li minghandu kien jixtri d-droga.

Il-Qorti tinnota madankollu illi meta saret il-kopja tal-atti tal-kaz kontra Alan Cutajar, saret biss fotokopja tal-*envelope* li fih kien jinsab ir-ritratt in kwistjoni u allura effettivament dan ir-ritratt ma jidhirx fil-kopja tal-atti li ghandha a disposizzjoni taghha din il-Qorti, kif lanqas ma gie esebit f'dawn il-proceduri. Apparti illi l-Qorti tqis tali nuqqasijiet da parti tal-Prosekuzzjoni bhala nuqqasijiet serji – ghaliex ghalkemm ma kinitx il-Prosekuzzjoni li ghamlet il-fotokopja tal-atti biss kien jispetta lilha li taccerta ruhha mill-prova li riedet tressaq - dan ifisser illi l-ahjar prova baqghet ma ngabitx u illi ghalkemm ix-xhud Cutajar identifika bil-gurament tieghu l-persuna li kienet tfornih bid-droga ossia lil Noel il-Giza fuq ritratt li gie muri lilu, fin-nuqqas ta' dan ir-ritratt, il-Qorti m'ghandhiex prova diretta fil-forma tax-xhieda ta' Cutajar, li dan kien fil-fatt l-imputat odjern. Imbaghad, apparti illi x-xhud identifika lill-fornitur tieghu b'deskrizzjoni tali li tista' twassal ghal diversi persuni, ma ngabet l-ebda prova li l-imputat kellu n-numru tac-cellulari msemmi minn Cutajar bhala n-numru tal-fornitur tieghu u in oltre ghalkemm l-istess Cutajar isemmi l-vetturi li kien jaghmel uzu minnhom il-

fornitur tieghu, la darba skartata l-istqarrija tal-imputat, lanqas ma jibqa' prova li tindika illi l-imputat kien jaghmel uzu minn dawn il-vetturi. Ghalhekk la darba r-ritratt tal-fornitur Noel il-Giza baqa' mhux esebit, m'hemmx provi sufficjenti fl-atti li jidentifikaw, fil-grad rikjest mil-ligi, lill-imputat odjern bhala l-fornitur ta' Cutajar.

Ghaldaqstant il-Qorti tqis illi t-tieni imputazzjoni ma gietx ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

Finalment, la darba l-imputat mhuwiex qed jinstab hati fir-rigward tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, lanqas ma jista' jigi dikjarat recidiv ai termini tat-tielet imputazzjoni jew jinstab hati talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu bis-sentenzi ndikati fir-raba' imputazzjoni.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt illi ai termini tal-Artikolu 688(d) tal-Kap. 9, qed tiddikjara l-azzjoni fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni bhala preskritta u ghaldaqstant qed tillibera lill-imputat minn kull htija u piena fir-rigward tal-istess, qed issib lill-imputat mhux hati tat-tieni, it-tielet, u r-raba' imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qeghda tilliberah minnhom.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat